MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2005

Talba Numru. 1294/2005

**GasanMamo Insurance Limited (C3143) hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Joseph Garzia (ID122069M) sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Joseph Garzia**

**vs**

**Antonio Scicluna (ID.47165M)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta' Gunju, 2005 fejn intalab il-hlas ta' mija u wiehed u hamsin lira Maltija u erbatax-il centezmu (Lm151.14) rapprezentanti danni kagunati f'incident awtomobilistiku tal-20 ta' Gunju, 2003, fi Triq Bormla, Paola, bejn il-vettura bin-numru BAA-105 misjuqa mill-konvenut, u l-vettura numru AAR-234 misjuqa**

**minn Belinda Garzia propjeta' ta' l-assikurat tas-socjeta' attrici, liema vettura kienet assikurata taht polza 'comprehensive' mas-socjeta' attrici u li ghaldaqstant ghamlet tajjeb ghad-danni kkagunati fuq il-vettura ta' l-assikurat taghha, liema incident sehh unikament tort tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.**
**L-ammont mitlub jinkludi s-somma ta' hamsa u ghoxrin lira (Lm25.00) bhala excess imhallsa mill-attur Joseph Grazia, li kien assikurat taht polza « comprehensive » mas-socjeta` attrici.**
**Interpellat sabiex ihallas permezz ta' ittra ufficjali datata 4 ta' Ottubru, 2004, il-konvenut baqa' nadempjenti.**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-4 ta' Ottubru, 2004, u tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma' dan l-avviz kontra l-assigurazzjoni tal-konvenut, u bl-imghax pagabbli mill-4 ta' Ottubru, 2004, sal-gurnata tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mill-atturi fit-12 ta' Lulju, 2005 ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici, jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident li sehh u jikkundannah ihallas lill-atturi s-somma ta' mija u wiehed u hamsin lira Maltija u erbatax-il centezmu (Lm151.14), ilkoll bl-imghaxijiet mill-4 ta' Ottubru, 2004 sal-gurnata tal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-4 ta' Ottubru, 2004, u tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma' dan l-avviz kontra l-assigurazzjoni tal-konvenut, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------